# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Edwina Grima

Appell Nru. 112/2017

Seduta tal-31 ta' Lulju 2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliot Magro)**

**Vs**

**Enas Sobhy Zaky Attia Casha**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti Enas Sobhy Zaky Attia Casha, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 36478(A) akkużata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-7 ta' Jannar 2017 għall-ħabta ta' 8.10am fi Triq Dun Nerik Cordina Perez, Ħamrun;

(1) insulentat, heddet jew inġurjat bi kliem jew b'mod ieħor lil Markerolls Tawdrous u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-27 ta' Frar, 2017 fejn il-Qorti sabet lill-imputata Enas Sobhy Zaky Attia Casha ħatja tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tagħha u kkundannatha ammenda ta' għoxrin ewro (€20).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Enas Sobhy Zaky Attia Casha, ppreżentat fir-reġistru

ta' din il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 2017, talbet lil din il-Qorti jogħġobha tbiddel u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti billi tilliberaha mill-akkużi dedotti fil-konfront tagħha.

Rat l-aggravji tal-appellanti li huma fil-qosor is-segwenti:

1. L-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib lir-rikorrenti hatja fuq il-provi prodotti stante li kien hemm element qawwi ta' kunflitt ta' provi.
2. Il-fatt innifsu li r-rikorrenti fil-hin tal-akkadut kienet fuq il-lant tax-xoghol kellu jkun bizzejjed sabiex ir-rikorrenti tigi liberata mill-akkuzi fil-mertu.
3. L-akkuzi dedotti huma cari u juru indiakzzjoni ta' hin ta' 8:10am. Dan ifisser li ma  seta' qatt gara dak li gara u ghalhekk, kif inghad, l-Ewwel Qorti kellha tghaddi ghal liberatorja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellanti essenzjalment tqanqal aggravju wiehed marbut mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta inghata affidament lil verzjoni moghtija mill-parti leza u mhux dik tal-appellanti. Tishaq illi gjaladarba gie ippruvat illi fil-hin indikat fl-akkuza hija kienet fuq il-lant tax-xoghol kellu fih innifsu iwassal sabiex hija tigi illiberata mill-akkuza migjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-

ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Illi rilevanti ghall-investigazzjoni li l-Qorti trid taghmel marbut mal-ilment tal-appellanti huwa l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali li jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat[2].

Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, 'id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...'. Ezercizzju dan li setghet taghmel l-Ewwel Qorti li kellha ix-xorti tisma' lill-partijiet involuti f'dan l-iskontru verbali jixhdu viva voce, haga li din il-Qorti ma kellhiex ix-xorti li taghmel ghalkemm f'dan il-kaz setghet tosserva l-imgieba belligeranti tal-appellanti fl-awla, liema attitudni tidher mill-verbal tas-seduta tas-27 ta' Frar 2017 li kienet ukoll prezenti quddiem l-Ewwel Qorti .[3]

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Thorne[4], *'..mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il- kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.*

Illi, dan maghdud, madanakollu din il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza minn fejn jirrizulta illi nhar is-7 ta' Jannar 2017 Markerolls Tawdrous irrapporta l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun illi filwaqt li kien fi triqtu lejn ir-residenza ta' missieru, l-ex partner ta' missieru, senjatament l-appellanti, kienet avviċinatu u insulentatu bi kliem oxxen apparti li hedditu. Għall-ħabta tat-8:30hrs l-appellanti giet mitkellma mill-pulizija fejn cahhdet li dakinhar kienet ghaddejja mit-triq fejn allegatament kien jinsab Markerolls u fil-ħin kif allegatament indikat minnu peress illi kienet diġa' waslet ghax-xogħol ġewwa St. Venera fit-7:45am.

Ikkunsidrat :

Illi l-uniku akkuża addebitata lill-appellanti hija ta' natura kontravvenzjonali u cioe' dik mahsuba fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Illi sabiex jissussisti dan ir-reat:

---

[3] Ara is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Bartolo deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

[4] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

**"...... theddida tfisser li l-agent jipprospetta lill-persuna ohra hsara ingusta fil-futur (liema hsara ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplat band'ohra fil-Kodici), liema hsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta` ta` l-istess agent"'[5]**

In oltre fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Gauci ġie kkunsidrat is-segwenti:

**Biex ikun hemm theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta - bil-kliem, gesti jew b'mod iehor - xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. Huwa veru li ma hemmx ghalfejn li l-hsara prospettata tkun determinata fis-sens li jigi indikat b'xi grad ta' precizjoni l-interess, guridikament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed jigi minaccat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid: ".e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace'" . Pero` dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bazi oggettiva.[6]**

Ikkunsidrat:

Jibda biex jingħad illi huwa evidenti li l-ewwel Qorti kienet rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet dijatrikament opposti. Fuq naħa waħda Markerolls Tawdrous li jiġi bin Samir Lofti Fahim Tawdrous li huwa l-ex sieħeb tal-appellanti, jikkontendi li filwaqt li kien fi triqtu bil-mixi flimkien ma ħuħ Victor fi Triq Dun Nerik Cordina Perez fil-Ħamrun, fid-direzzjoni lejn r-residenza ta' missieru mid-dar t'ommu, hu u ħuh iltaqghu mal-appellanti li kienet miexja fid-direzzjoni l-opposta u li kienet liebsa bl-uniformi ta' *warden.* Jistqarr li hi qabdet toffendih bi kliem inopportun li jinstab riprodott fl-atti proċesswali u hedditu li jekk imur jirrapurtaha tagħmillu l-ħsara u dan kollu għall-ebda raġuni valida. Hu stqarr li huma ma kelmuhiex peress li missierhom kien wissiehom sabiex ma jitkellmux magħha f'ebda ċirkostanza u ghalhekk baqghu għaddejjin. Din it-testimonjanza ġiet korroborata minn Victor Tawdrous li kkonferma l-verzjoni tal-parti leza gjaldarba huwa kien fil-kumpanija tieghu meta sehh dan l-incident. Missier

[5] Pulizija vs Joseph Frendo deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar is-7 ta' Lulju 1995.

[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u ppreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar it-12 ta' Ġunju 2003.

Makerolls xehed ukoll quddiem l-Ewwel Qorti madankollu huwa ma kienx preżenti matul l-inkontru u allura ma setax jikkonferma l-veraċita' tal-akkadut għajr għal dak li qallu ibnu. Ġew eżebiti wkoll xi *stills* akkwistati minn ħanut x'aktarx l-Izibet li jinsab ġewwa l-Ħamrun fejn il-parte ċivile għaraf kemm lilu u lill-ħuh f'dawn ir-ritratti, kif ukoll gharaf il-persuna tal-appellanti miexja fid-direzzjoni l-opposta tagħhom, u liema *stills* jimmarkaw il-ħinijiet ta' bejn is-7:44:37CET u 7:45:41CET, ghalkemm ma hemmx konferma illi l-*camera* kienet qed tiregistra l-hin rejali.

Mill-banda l-oħra l-appellanti tiċħad kategorikament li hi ltaqghet mal-parte ċivile u ma ħuh u li allura għajjritu jew hedditu. Stqarret fid-deposizzjoni taghha li hi kienet mgħaġġla biex taqbad tal-linja għax kienet tard għax-xogħol fejn lanqas biss rathom u allura wisq anqas kellmithom. Ikkonfrontata bil-fatt li meta tkellmet mal-pulizija oriġinarjament kienet qaltilhom illi ma kinitx fuq il-post peress li kienet ix-xogħol, stqarret illi l-pulizija kien indikalha l-ħin tat-8:15am bħala l-ħin tal-inċident, f'liema stadju allegat li kienet diġa' wasslet ix-xogħol. L-appellanti eżebiet ittra maħruġa mill-*Guard and Warden Service House Limited* fejn hemm indikat illi l-appellanti dakinhar tal-akkadut kellha tirraporta ghax-xogħol bħala warden fil-hinijiet ta' bejn it-7:45am u l-9:45am ġewwa Triq San Ġuzepp ġewwa Santa Venera. Meta mistoqsija in kontro eżami jekk tagħrafx lilha nnifisha fl-i*stills* eżebiti, hi kkonfermat l-identita' tagħha iżda mhux dik tal-parte ċivile u ta' ħuh.[7]

Illi fl-ewwel lok l-appellanti tilmenta illi l-hin huwa indikat erronjament fl-akkuza bhala dak tat-tmienja u ghaxra ta' fil-ghodu billi allegatament l-incident sehh bejn hamsa u ghoxrin minuta qabel u allura qatt ma setgħet tinstab ħatja anki fid-dawl ta' dan l-iżball fl-akkuża billi fil-hin indikat fl-akkuza hija kienet tinsab fuq il-lant tax-xoghol. Issa gie deciz[8] illi:

> **Fil-gudizzji sommarji c-citazzjoni ma hiex hlief ordni ta' komparizzjoni, u l-enuncjazzioni tal-fatti kontenuti fiha ma hiex il-bazi essenziali u**

[7] Folio 29 tal-atti proċesswali.

[8] Il-PuIizija vs. Frank Borg moghtija 6 ta' Marzu 1954 mill-Qorti talAppell Kriminali

**assoluta ta' l-inkriminazzjoni**.

Dan ghaliex:

> **L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristalllzzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & CE. (Vol. XXXIII. iv. 758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art 360 (1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz taht att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni:**
> ***'La vera imputazione si deduce contro l' imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l' imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione del fatti che seguono innanzi alla Corte per porte dell' ufficiale prosecutore'*** **(ara sentenza citata, pagna 761).**
> **Dan ifisser li galadarba l-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll 5 l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f' dan is-sens ukoll issentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet Il- Pulizija vs Noel Zarb Adami)[9].**

Illi madanakollu s-sub-inciz (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali, jindika illi c-citazzjoni ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikolaritajiet opportuni ta' zmien u tal-lok, u allura ghalkemm huwa minnu li l-funzjoni tac-citazzjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati l-imputat x' hin jidher quddiem il-qorti ghandu jkun jaf fuq hiex ikun gie imharrek, sabiex dak in-nhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzioni dedotta. Illi imbaghad l-imputazzjoni fil-kawzi sommarji hija dedotta kontra l-imputat proprjament u verament quddiem il-Qorti meta jibda s-smiegh tal-kaz u l-Ufficjal Prosekutur jikkonferma l-akkuza bil-gurament. Illi allura jekk id-dettalji ikunu tant zbaljati illi l-imputat ma jkunx jista jinsab hati li ikkometta r-reat fil-hin u l-post indikat allura ghalkemm ic-citazzjoni ma hijiex nulla, madanakollu l-kaz ma jkunx gie ppruvat u l-Qorti tghaddi ghal liberazzjoni.

[9] Il-Pulizija vs. Joseph Buttigieg moghtijia nhar il-25 ta' Lulju, 1994 ilQorti tal-Appell Kriminali

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs John Paul Azzopardi din il-Qorti kif ippresjeduta irriteniet[10]:

> **"Dan ghaliex il-Qorti qatt ma tista' issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh mhux biss fi zmien iehor, izda ukoll f'xi post iehor mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista' thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin."**

Illi b'referenza għall-akkuża u l-partikolaritajiet hemmhekk indikati, din tindika illi l-infrazzjoni tal-ligi sehhet ghal '*ħabta tat-8:10 ta' filgħodu'*. Jidher in oltre li meta xehed l-istess xhud stqarr li l-inċident seħħ għall-ħabta tat-7:45am tant illi missieru jgħid li t-tfal kienu wasslu d-dar għandu bejn it-tmienja jew it-tmienja u nofs ta' filgħodu. In oltre huwa ċar ukoll mill-affidavit ta' PS991 Alexander Gauci illi r-rapport ta' Markerolls sar għall-ħabta tat-8:15am.

Issa fil-fehma ta' din il-Qorti u fid-dawl tal-ġurisprudenza hawn fuq iccitata, il-hin indikat fic-citazzjoni huwa wiehed approssimattiv li jindika li l-incident sehh bejn wiehed u iehor fil-hin indikat. Dan il-hin huwa indikattiv taz-zmien meta sehh l-incident tenut kont tal-fatt illi l-akkuża tuża l-frażi '*għal-ħabta ta'..* u allura jindika illi z-zmien meta sehh il-kaz kien il-hin ta' fil-ghodu vicin it-tmienja u mhux xi hin iehor li allura jindika zmien differenti minn meta fil-fatt sehh il-kaz. Jinghad ukoll illi mill-atti jirrizulta li l-appellanti effettivament tat spjegazzjoni *viva voce* u mingħajr diffikulta' sabiex tipprova tiġġustifika fejn kienet anki fil-ħin tat-7:45am meta debitament mistoqsija u kwindi f'ebda mod ma ġiet preġudikata għal dak li jirrigwarda d-difiża tagħha. Kwindi l-aggravju konċernanti l-ħin tal-akkuża qed jigi michud.

[10] Deċiża nhar it-30.11.2017 ref.506/2016.

Ikkunsidrat:

Illi fil-mertu rrizulta lill-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-atti proċesswali u analizzat id-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha prodotti kif ukoll id-dokumenti li ġew ippreżentati mill-partijiet, illi ma hemm l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-ewwel Qorti. Illi l-prova indizzjarja imressqa mill-Prosekuzzjoni permezz tal-filmat u stills mahruga minn CCTV camera tindika illi il-parti leza u l-appellanti kienu prezenti fuq il-post indikat fic-citazzjoni u fil-hin approssimattivament hemmhekk indikat, tant illi kemm l-appellanti kif ukoll il-parti leza ikkonfermaw l-immagini tal-persuna taghhom fuq dan id-dokument. Ikkonfermaw ukoll illi kienu mixjin f'direzzjoni l-opposta minn xulxin meta allura iltaqghu jew ġew qrib xulxin. Issa l-appellanti tiċħad li hi iltaqghat ma' dawn it-tnjen minn nies li din il-Qorti ssibha kemxejn diffiċli li temmen fiċ-ċirkostanzi msemmija. *Di piu* filwaqt li l-ittra mahruga mill-post tax-xogħol tal-appellanti tindika li hi kellha tkun ghax-xogħol fit-7:45am ġewwa Santa Venera l-istess appellanti tindika li f'dak il-hin kienet ghadha il-Hamrun u kienet mgħaġġla biex taqbad tal-Linja peress li kienet tard[11]. Fil-fatt mhuwiex ikkontestat illi hija kienet tinsab il-Hamrun ghal habta tat-tmienja neqsin kwart ta' fil-ghodu meta suppost kellha tkun xoghol Santa Venera. Illi dan maghdud din il-Qorti tqies illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz u fid-dawl tal-fatti probatorji tqies illi l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha meta sabet htija fl-appellanti ghar-reat kontravvenzjonali lilha addebitat.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(FT) Imhallef

Edwina Grima

Imhallef

[11] Ara d-deposizzjoni tax-xhieda tal-appellanta a folio 26 et seq tal-atti proċesswali.